MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 40/2002/1

**Maruti Motors Limited**

**Vs**

**Hubert Spiteri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm202.72c (mitejn u zewg liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu) rappresentanti erba' (4) kambjalijiet li gew iffirmati mill-konvenut u li skadew fil-4 t'Ottubru 2001, fil-4 ta' Novembru 2001, fil-4 ta' Dicembru 2001 u fil-4 ta' Jannar 2002, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi interpellat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 12 ta' Dicembru 2001 u ta' Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment ma' l-Avviz, tal-parir Lm12.00c (tnax-il lira Maltin) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess

konvenut mid-data ta’ kull skadenza, u li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fir-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------